Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,825, 3 ta' Awissu, 1999
Taqsima B

A.L. 132 ta' l-1999

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar iż-Żamma ta' Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti principali".

A.L. 124 ta' l-1995.

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira ta' "lokalita` ta' divertiment" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "likwidi alkoholiċi" għandhom jidħlu l-kliem "likwidi alkoholiċi, u kull lokalita` fil-miftuħ,".

Emenda tar-regolamenti 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(3) Is-subparagrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jiġi riprodott fuq il-biljett tad-dħul f'xi lokalita` ta' divertiment u biljett bħal dak għandu jkollu wkoll dikjarazzjoni fuqu li tkun tgħid li d-detentur għandu biss jiddaħħal jekk huwa juri d-dokument ta' l-identita` tiegħu jew xi dokument ieħor li jkun prova ta' l-identita` tiegħu.

(4) Meta tinsab xi persuna li ma tkunx għalqet is-sittax il-sena f'lokalita` ta' divertiment, il-proprjetarju tal-lokalita` ta' divertiment ikun ħati ta' reat u meta jinsab ħati jista' jeħel il-piena ta' multa ta' mitt lira Maltija għal kull tali persuna b'żjieda mal-piena li huwa jista' jeħel taħt ir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti.".

Zieda tar-regolamenti 9A sa 9D ġodda mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Tmiem ta' *parties* jew *discos* fil-miftuħ.

9A. Meta jkun hemm xi *party* jew *disco* li jkun qed jinżamm fil-miftuħ, dan għandu jtemm sa mhux iktar tard mis-sagħtejn ta' filgħodu.

Ħin ta' *discos* jew *parties* f' postijiet magħluqa.

9B. Ma għandu jingħata ebda permess jew liċenza li jkunu jippermettu li *party* jew *disco* f'lokalità ta' divertiment magħluq ikun jibda, jew ikompli, fi jew bejn l-erbgħa ta' filgħodu u d-disgħa ta' filgħodu.

L-akbar għadd ta' persuni li jistgħu jiddaħħlu.

9Ċ. (1) Għandu jiġi stipulat fuq il-permess jew il-liċenza li jkunu jawtorizzaw li jsir xi *party* jew *disco* f'xi lokalita` ta' divertiment, l-akbar għadd ta' persuni li jistgħu jiddaħħlu f'dik il-lokalita` ta' divertiment.

(2) Meta l-għadd ta' persuni f'xi lokalita` ta' divertiment ikun jeċċedi l-akbar għadd stipulat fil-permess jew liċenza relattivi, il-proprjetarju u s-sid jew l-amministratur ta' dik il-lokalita` ta' divertiment ikunu ħatja ta' reat u jistgħu jeħlu l-istess pieni bħal dawk stipulati fil-paragrafu (4) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

Jedd ta' ċħid ta' permess jew liċenza.

9D. Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jiċħad kull applikazzjoni li ssirlu għal permess jew liċenza sabiex jiġi organizzat xi divertiment pubbliku, meta huwa ma jkunx sodisfatt li l-karattru u l-ġrajjiet imgħoddija ta' l-applikant, proprjetarju jew *disc jockey* ma jkunux tali li jkunu ta' garanzija biż-żejjed li ebda abbuż bid-droga jew abbuż iehor ma jkunu sa jseħħu waqt id-divertiment.".

Enumerazzjoni mill-ġdid tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 14 tagħhom.

Iżid ir-regolament 13 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Bord ta' Sorveljanza għas-Saħħa u għall-Ħarsien.

13. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Intern għandu jaħtar Bord li jkun magħruf bħala Bord ta' Sorveljanza għas-Saħħa u għall-Ħarsien, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan ir-regolament magħruf bħala "il-Bord", li jkun magħmul minn *Chairman* u minn żewg membri oħra li jinħatru minn fost persuni li jkollhom esperjenza fi ħwejjeg li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa, mal-ħarsien u mal-protezzjoni ċivili.

(2) Il-Bord ikollu l-jedd jissorvelja regolarment kull lokalità ta' divertiment sabiex jassigura li l-kondizzjonijiet ta' saħħa u ta' ħarsien ikunu skond livelli sodisfaċenti u għal dak l-għan ikollu l-jedd li jispezzjona kull lokalità ta' divertiment f'kull ħin li jkun.

(3) Il-Bord ikollu l-jedd li jordna lil kull proprjetarju ta' xi lokalità użata jew maħsuba li tkun użata bhala lokalità ta' divertiment sabiex jagħmel, f'dak il-perjodu ta' żmien li jiġi stabbilit mill-Bord, dawk il-bidliet, żjidiet u aġġustamenti ta' kull xorta jew kull ħaġ'oħra hekk kif il-Bord jista' jqis li għandu jsir sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ta' saħħa u ta' ħarsien sodisfaċenti.

(4) Kull min xjentement ifixkel lil xi membru tal-Bord waqt li jkun qiegħed iwettaq dmirijietu taħt dawn ir-regolamenti ikun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, meta proprjetarju jonqos milli jwettaq xi ordni bħalma hemm imsemmi fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu l-jedd jiċħad it-tiġdid ta' xi liċenza jew permess li jkollu x'jaqsam mal-fond li l-ordni tkun tirreferi għalih.

(6) Qabel ma jsir il-ħruġ ta' xi permess jew liċenza għal xi lokalità ta' divertiment, il-Kummissarju tal-Pulizija ikollu l-jedd jisma' l-parir u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord dwar il-kondizzjonijiet ta' dik il-liċenza jew permess.".